MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 22/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Alberta Amato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alberta Amato talli (flimkien ma’ Elaine Rapinett) fl-10 ta’ Novembru 2005 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Nhar l-10 ta’ Novembru 2005, f’xi hin bejn il-5.30 p.m. u s-5.45 p.m. f’Hal Lija ikkomettew serq ta’ diversi oggetti u cioe` pakketti tas-sigaretti, liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf liri Maltin, sar ghad-detriment ta’ Anthony Brincat minn H’Attard u / jew persuni ohra;

(2) Nhar it-28 ta’ Ottubru 2005, f’xi hin bejn il-5.15 p.m. u il-5.30 p.m. f’ Haz-Zabbar ikkomettew serq ta’ oggetti u cioe` diversi batteriji u ktieb, liema serq sar ghad-detriment ta’ Joseph Camilleri minn Haz-Zabbar u / jew persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettew reati fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza b’ordni ta’ supervizjoni, moghtija mill-Qrati ta’ Malta nhar-it 23 ta’ Settembru 2005, meta gew misjuba hatja ta’ reati u gew ikkundannati ghal sentenza ta’ sena habs [*recte:* prigunerija] sospiza ghal tliet snin b’ordni ta’ supervizjoni, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

U fl-ahharnett talli rrendew rwiehhom recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gew ikkundannati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Alberta Amato hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 261, 267, 279 u 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatha ghal erbatax-il xahar prigunerija ghar-reati kommessi fit-28 ta’ Ottubru 2005 u fl-10 ta’ Novembru 2005 filwaqt li lliberatha mit-tielet imputazzjoni stante illi s-sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtija fil-konfront taghha ggib id-data tal-5 ta’ Settembru 2005 u mhux tat-23 ta’ Settembru 2005;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Alberta Amato pprezentat fid-29 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta’ htija taghha ghall-imputazzjonijiet kif dedotti, tbiddel dik il-parti li tikkoncerna

l-piena billi tinfliggi wahda aktar miti u idoneja ghal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007, Dott. Roberto Montalto ghall-appellanti ssottometta li l-procedura kollha li saret quddiem l-ewwel Qorti hija nulla peress li meta sar l-ezami ta' l-appellanti (allura imputata) quddiem l-ewwel Qorti u hi wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja, peress li l-ufficjal prosekutur ma kellux il-kunsens bil-miktub ta' l-Avukat Generali u effettivament wiegeb "le" ghall-mistoqsija tal-Qorti, tali kunsens gie sussegwentement esebit fit-22 ta' Novembru 2005 u dakinhar ma regax sar l-ezami ta' l-imputata.

Din il-Qorti tirrileva l-ewwelnett illi din is-sottomissjoni tad-difensur ta' l-appellanti ma jikkostitwixxi xejn ghajr tentattiv tad-difiza sabiex izzid aggravju iehor ma' l-uniku wiehed li jirrizulta mir-rikors ta' appell u konsistenti f'ilment dwar il-*quantum* tal-piena.

Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors *"ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari,* ***ir-raguni ta' l-appell*** (enfazi tal-Qorti) *u t-talba ta' l-appellant"*[1]

Inoltre, kieku kellha titqajjem xi kwistjoni dwar il-korrettezza o meno tal-proceduri, din kellha titqajjem quddiem l-ewwel Qorti. Sorprendentement pero`, id-difiza fl-ebda waqt quddiem l-ewwel Qorti, ma qajmet din il-kwistjoni. Ghall-kuntrarju, mill-atti jirrizulta illi meta, fis-

[1] Ara per ezempju Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mark Pace**, 7 ta' Novembru 2002.

seduta tat-22 ta' Novembru 2005 – is-seduta effettiva immedjatament wara dik li fiha sar l-ezami ta' l-appellanti – l-ufficjal prosekutur esebixxa l-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u wara li xehed wiehed mid-derubati, l-appellanti – debitament assistita – ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u, moghtija l-opportunita` biex tirrikonsidra tali ammissjoni, irriaffermat tali ammissjoni[2]. Dak li talbet id-difiza mbaghad kien li jsir *pre-sentencing report*! Ghalhekk is-sottomissjoni li ghamlet id-difiza quddiem din il-Qorti ma tistax tittiehed bis-serjeta` u, anke ghax infondata, qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-aggravju ulterjuri ta' l-appellanti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2005 a fol. 13.